MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Numru. 1011/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Paul Joseph Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Paul Joseph Cachia, iben Paul u Julie nee' Galea, imwieled fit-3 ta' Dicembru, 1991, gewwa l-Pieta u residenti fil-fond

Massabielle, Triq Manuele Vitale, Rabat u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 2392(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, gewwa San Pawl il-Bahar u San Giljan u fi bnadi ohra fil-31 ta' Dicembru, 2013 u fil-gimghat ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommeta serq ta' flus permezz ta' credit card minn gewwa diversi ATMs ghad-dannu ta' Julie Angolie Martina Cachia ID. 810553 M u/jew persuni ohra , liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jaqbez il-€232.94 izda inqas minn €2300.

Rat l-artikoli 18, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 261(c) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficcju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------